MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 216/2006

**Rikors Numru 216/06CSH**

**Dragonara Resort Limited**

**vs**

**Stephanie Vella**

**Il-Qorti:-**
Rat ir-rikors tas-socjeta attriciipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf disgha mija sebgha u disghin lira u sitta u sittin centezmu (LM1966.66) rapprezentanti din is-somma ammont dovut lis-socjeta attrici ghal xorb, ikel u servizzi moghtija lilha 'n konnessjoni mat-tieg taghha li sar fir-Reef Club Pavillion fil-lukanda The Westin Dragonara Resort fis-sitta (6) ta' Gunju 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali u bl-interessi mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut, kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ‘n subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Stephanie Vella fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba mhiex integra ghax ma hemmx ir-ragel indikat fl-avviz.

2. Illi s-servizz kien ta’ kwalita nferjuri hafna tant li kien hemm hafna tgergir fuqu u kien imbarazzanti.

3. Illi l-ikel kien inferjuri u ma kienx fil-kwantita u kwalita li gie ordnat tant li diversi nies spiccaw ma hadux ikel bizzejjed u kien hemm nies ohra li ma ha hadux.

4. Salv risposta ohra.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t’April 2007 xehdet **Joanne Formosa** fil-kapacita taghha t’*accounts receivables and connections manager* tas-socjeta attrici w ikkonfermat li l-konvenuta ghad fadlilha l-bilanc imsemmi fir-rikors promotur ta’ LM1997.66. Spjegat li originarjament il-konvenuta kellha thallas is-somma ta LM4,4471.22, izda kienet ghamlet zewg pagamenti akkont fl-ammont ta’ LM1,500 u LM750.

Ikkonfermat li kienet taf li l-konvenuta kienet ghamlet *complaint* maghhom u li huma kienu offrewlha skont ta’ hamsa fil-mija (5%) u cioe l-ammont ta’ LM223.06. Hija esebit *statement* redatt minnha li gie markat bhala Dok. ‘S’ waqt li esebit ukoll *breakdown* tal-kont kollu originali li gie mmarkat bhala Dok. S 1. Ikkonfermat li fiz-zmien meta sar it-tieg, hija ma kienitx impjegata mas-socjeta attrici w ghalhekk x’kienet in-natura tal-*complaint* li ghamlet il-konvenuta, ma tafx. Qalet li ma kienitx hi li hadet id-decisjoni li l-konvenuta tinghata skont ta’ hamsa fil-mija, izda sabitha miktuba fil-*file* relattiv meta hadet *hand over*.

Nhar it-tmienja (8) ta’ Novembru 2007 xehed **Bjorn Vassallo** fejn spjega li fiz-zmien meta sar it-tieg huwa

kien jokkupa l-kariga ta' *banqueting manager* tas-socjeta attrici. Spjega li dakinhar tat-tieg, ir-rwol tieghu kien sabiex jiehu hsieb l-impjegati tieghu mill-bidu sa l-ahhar. Ikkonferma li waqt it-tieg ma kienx ircieva *complaints* li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghaddej. Qal li it-tieg kien *plated* u mhux *finger buffet*, ghalkemm stqarr li jaf li wara it-tieg kienu saru xi *complaints* mal-lukanda. Fost il-*complaints* kien hemm li l-mejda tat-*cake* ma kienitx lesta sabiex jintramaw il-fjuri. Fil-fatt jispjega li n-normalita taghhom hi li l-mejda tkun lesta bejn saghtejn jew tlieta qabel ma jigu n-nies u hekk gara f'dan il-kaz. Qal li din hija l-aktar haga facli x'tarma ghax kull ma jsir hu, li jintefa' l-*linen* fuq il-mejda. *Complaint* iehor kien fis-sens li s-*seat covers* kienu mahmugin, dan ma kienx minnu lanqas ghaliex stqarr li kull darba li jsir *requisition*, il-*covers* jigu nodfa mill-*laundry* u hekk gara f'dan il-kaz. Intqal ukoll li l-*canapees* ma gewx servuti. Jghid li dan kien minnu ghaliex jekk it-tieg jibda tard allura ikun beda is-servizz u jkollhom izommu mal-hin tal-programm. Qal li fil-jum tal-Gimgha u Sibt in-nies gieli jaslu tard ghaliex ikun hemm hafna traffiku. Qal li kien hemm *complaint* ohra fis-sens li l-ikel gie servut tard, xi siegha aktar tard minn normal. Qal li dan kien minnu izda minhabba l-fatt li l-konvenuta u l-mistiedna taghha waslu tard. *Complaint* ohra kien dwar fejn kienet posizjonata il-banda. Dwar dan ix-xhud ighid li l-konvenuta kienet taf b'dan minn qabel ma giet armata.

Ikkonferma li bhala nies kien hemm bejn wiehed w iehor xi mitejn u hamsin jew mitejn u hamsa u sebghin. Qal li kien hemm *complanit* li ma kienx hemm bizzejjed tazzi. Qal li ma jistax jifhem kif saret din il-*complaint* ghaliex peress li t-tieg kien *seated*, it-tazzi kienu kollha fuq il-mejda u fil-bar ikun hemm *surplus* izda f'kazijiet bhal dawn ma ikunx hemm *rush* ghal bar. KIen hemm *complaint* iehor li l-gharajjes qasmu l-kejk tax-xhud flok taghha, ix-xhud dan jinnegah ukoll. *Complaint* iehor kien dwar l-café li gie servut kiesah. Ix-xhud ighid li huma harguh fil-*boiler* shun u l-*complaints* f'dan ir-rigward kienu mill-genituri tal-gharajjes biss.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2008 is-socjeta attrici pprezentat kopja ta' *quotation* datata sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 2004 bhala Dok. AM 1.

Il-konvenuta **Stephanie Vella** xehdet nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 u kkonfermat li hija izzewwget gewwa il-Westin Dragonara fis-sitta (6) ta' Gunju 2005. Qalet li mistidnin kien hemm madwar mitejn u hamsin ruh u li kellu ikun hemm ikla *seated*, apparti l-*buffet*. Ikkonfermat li kien hemm hafna tgergir dwar it-tieg taghha fosthom taf li kien hemm is-segwenti *complaints*:-

1. Is-*seat covers* kienu mahmugin u ghall-ewwel ma xtaqux ibiddluhom w ghalhekk il-*florist* ma setghetx tibda taghmel il-fjuri mal-wara tas-siggijiet u l-*bestman* kellu jibqa hemmhekk ighinha sa l-ahhar li spicca lanqas biss attenda it-tieg. Tghid li wara certu hin giet Ms Roseanne D'Amato u bl-ghajnuna taghha, nbidlu dawn il-*covers*.
2. Meta waslu, mal-*welcome drink* ma gewx servuti il-*canapes* kif kien miftiehem fil-kuntratt.
3. Il-*medallions* tal-platt principali fil-*buffet* kienu biss laham tal-friza u dawn suppost li kienu *beef medallions*.
4. Spjegat li d-dirigenti tas-socjeta attrici bdew iqajjmu in-nies minn fuq l-imwejjed, mejda wara mejda sabiex jghinu ruhom ghall-ikel, izda il-process dam hafna, tant li fis-siegha w nofs ta' filghodu l-mistidnin kienu ghadhom qed jieklu l-*main dish*.
5. Tispjega li waqt l kienu qed jiehu ir-ritratti kien mar fuqhom il-*headwaiter* u beda ighaggilhom ghax kien qed isir il-hin u dan b'certu arroganza.
6. Meta marru biex jaqsmu il-*cake* ma kienx hemm lanqas *petit fours* kif kien hemm miftiehem fil-kuntratt. Hija esebiet numru ta' ritratti sabiex tisostanzja dak li kienet qed tghid.
7. Meta gew biex jaqtghu il-kejk huma inghata il-*cake* tax-xhud. Hija esebiet ukoll ritratt sabiex tikkonferma dan kollu.
8. Il-*cake* ma kienx kif ordnatu hi kellu hafna inqas tizjin minn dak mixtieq w ordnat minnha u fil-fatt kellu *tier* nieqsa wkoll.
9. Stqarret ukoll li t-tghoma tal-*cake* ma kienitx tajba u coe tal-lewz.

10. Wara li qasmu l-*cake* ma kienx hemm café ghal kulhadd w in oltre, l-café li kien hemm kien kiesah ghaliex nessew jixghelu l-bajla.
11. Meta nqasam il-*cake* tax-xhud, minflok dak tal-gharusa gara li ma kienx hemm bicca ghal kulhadd.
12. Ghalkemm kienet hadet hsieb ta' *table plan* id-dirigenti tal-lukanda ma zammewx maghha u gara illi kien hemm xi parentela taghha li spiccaw fit-trufijiet.
13. Kien hemm mistidna li talbet ghal *ice bucket* u giet mitluba thallas zewg liri fuq l-uzu tieghu.
14. Minkejja li kien hemm ftehim li d-*drinks* kellhom jigu servuti mal-mejda, l-mistidnin kellhom iqumu sabiex igibu id-*drink* taghhom.
15. Kien hemm nies li hallsu ghal *parking* ghalkemm kienu ftiehmu li dan kellu jkun b'xejn u sahansitra kien hemm min anke kellu l-karozza tieghu misruqa.

Ikkonfermat li wara it-tieg wahda mill-mistidnin taghhom kienet qaltilha li hija kienet dizappuntata hafna bit-tieg u li fil-fatt kienet kitbet lis-socjeta attrici dwar dan. Hija esebiet kopja ta' din l-ittra ffirmata minn M. Seguna u datata disgha (9) ta' Mejju 2005.

Qalet li l-*bestmen* taghha kienu Matthew Scicluna u Aaron Fsadni u dawn complu lil Suzanne D'amato wara t-tieg, izda din ma kellmithom qatt u lanqas biex cemplitilhom lura. Tghid li hij marret xahar *honey moon* u ma semghet xejn aktar dwar dan it-tieg. Hija imbaghad regghet cemplet lil din Suzanne D'amato peress illi l-ftehim kien sar maghha w iltaqghu maghha. Meta marru ghal laqgha ghal darb'ohra din Suzanne D'amato ma dehritx u deher certu Noel Falzon li qatt ma kienu ltaqghu mieghu qabel, flimkien mac-*chef* li pero ma kienx ic-*chef* fil-jum meta izzewwget skond informazzjoni moghtija lilha dakinhar. Tghid li mbaghad is-sitwazzjoni waqfet hemm sakemm regghet baghtet *e-mail* lil Noel Falzon nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2006 (vide Dok. T) fejn kienet sahansitra anke baghtitlu xi ritratti sabiex jikkonfortaw l-ilmenti taghha. Huma kellhom xi laqghat ohra, pero ma wasslu mkien. Gew mitluba jghidu x'kellhom f'mohhom u l-konvenuta talbet li l-bilanc dovut jigi meqjus bhala *set off*

ghad-danni li sofriet, izda minflok twegiba, rceviet l-avviz ghal Qorti.

Illi din ix-xhieda hija wkoll konfermata minn zewg l-konvenuta **Jonathon Vella** li zied jghid ukoll li kien hemm xi mistidnin li xtaqu xi deserta differenti fis-sens li xtaqu bicca *cake* li kien ghadu shih u dawn inghataw risposta li ma setghux jiehdu bicca mill-*cake* li kien ghadu ma komplut.

In kontro-esami fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Lulju 2009 hija kkonfermat li s-servizz kien hazin hafna w ikkonfermat il-gar kollu li kellha fuq it-tieg.

**Aaron Fsadni** xehed nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2008 u qal li huwa mizzewweg lil oht il-konvenuta w ikkonferma li kien il-*bestman* f'dan it-tieg. Spjega li huwa kien wasal fis-sala ghal habta tat-tmienja ta filghodu w ikkonferma li l-lejl ta' qabel kien hemm tieg iehor f'din l-istess sala. Ikkonferma li meta mar hu, l-art kienet ghadha mahmuga. Qal li huwa kien sab lil tal-fjuri tarma s-siggijiet u dan kien waqqafha ghax il-*covers* kienu mahmuga. Ghalhekk tal-fjuri bdiet taghzel l-ahjar siggijiet sabiex tarmhom bic-cfuf kif kien miftiehem. Qal li wara hafna tahbit jitkellmu ma certu Suzanne dawn il-*covers* gew mibdula w ghalhekk tal-fjuri kellha xoghol doppju ghaliex kellha terga tarma whud mis-siggijiet darbtejn.

Qal li mbaghad ipprova ighin sabiex isegwu il-*guest plan* u jpoggu l-parentela aktar vicin tal-gharajjes, izda dan ma setghax isir ghal il-*guest line* tharbtet ukoll u l-*guests* kellhom jig mibdula ukoll minn fuq l-imwejjed fl-ahhar mument. Dwar il-familjari tal-gharus, huwa ma kienx jafhom w ghalhekk dak il-hin ma tantx kien hemm wisq li seta jghamel, ghalkemm fir-rigward tal-gharusa rranga kemm seta'.

Jikkonferma li mis-sala tat-tieg hareg fis-sebgha u nofs u mar il-knisja Hal Luqa kif kien libes. Wasal ghall-quddies tard ghalkemm kien *bestman* w ghalhekk lanqas in-nies fil-knisja m'irnexxielu jpoggi sew.

Jghid li waqt li kien fir-*reception*, intqal li n-nies kienu qed ihallsu ghal *parking* ghaliex il-*parker* ma kienx zamm postijiet b'*reserve* kif kien miftiehem. Qal li meta l-mistidnin bdew jitolbu *drinks* mal-mejda dawn ma bdewx jaslu ghaliex ma kienx hemm bizzejjed tazzi. Qal li kien hemm nuqqas kbir ta' *waiters* u dawk li kien hemm kienu *stressed* hafna.

Huwa kkonferma ukoll dak li qalet il-konvenuta dwar il-*complaints* ta' l-ikel anke fir-rigward li nqasam il-*cake* tax-xhud flok tal-gharusa.  Ikkonferma wkoll li ma kienx skond dak ordnat lanqas.   Qal li l-ghada kien cempel lil min kien responsabbli il-Westin u kien ukoll attenda ghal xi laqghat dwar kwistjoni ta' kumpens.  Huwa esebixxa n-notamenti tieghu li gew markati bhala Dok. Z.  Hemm imnizzel ukoll fin-notamenti tieghu li anke meta l-koppja gew biex jitliqu bid-dghajsa ghal *going away* dawn kellhom jimxu hafna ghaliex il-bahar fejn kellha tidhol id-dghajsa u kienu ftehmu dwarha, kien baxx hafna.

**Saviour Eric Farrugia** missier il-konvenuta xehed fit-tnax (12) ta' Novembru 2008 fejn ikkonferma li kien hemm hafna lmenti u fil-fatt jghid li t-tieg kien disfatta kbira. Qal li kellhom diversi laqghat qabel it-tieg mad-dirigenti, izda dak il-jum tat-tieg, l-affarijiet ma kienux kif ftiehmu. Spjega kif per ezemju l-*orchestra* kienet barra is-sala, il-*buffet tables* kienu barra fir-rih mal-bahar u peress li kien il-maltemp, setghu ddahluhom 'l gewwa, izda dan ma sarx.

Jghid li dwar l-ewwel platt li gie servut bil-qieghda, ma kienx hemm gar, izda dwar il-*buffet* ighid li kien hemm hafna gar tant li anke spiccaw jieklu fis-siegha w nofs ta' filghodu u l-ikel sahansitra kien anke kiesah. Jghid li fil-fatt kulhadd kien il-geddum u ma kienx hemm atmosfera ta' tieg.  Jghid li *management* tat-tieg ma kienx hemm.  Dwar il-mejda tal-*cake* jilmenta li kienet vojta u li l-koppja nghatat il-*cake* tax-xhud biex jaqsmu.  Jghid li huwa kellu esperjenzi ta' tigijiet hemmhekk ghaliex kien diga zewweg zewgt ibniet ohra hemm, izda ma kienx dizapuntat b'dawk il-festi.

**Emanuela Farrugia** xehdet nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2008 u qalet li hija tigi iz-zija tal-konvenuta u kkonfermat li kienet prezenti ghat-tieg taghha il-Westin. Qalet li kienet dizapputata hafna b'dak li kien sehh u fil-fatt tirrakkonta kif meta talbet ghal *ice bucket* ghax l-inbid kien abjad u din giet mitluba thallas zewg liri. Qalet li s-servizz kien hazin hafna u l-*waiters* kienu arroganti. Qalet li hija hadet il-tilqit ta' dak li kien fadal u l-ikel kien '*scooped out*" u mhux '*served*'. Ikkonfermat ukoll li l-café kien kiesah. Qalet li t-tieg dam hafna ghaliex hadd ma kien jaf x'kien ghaddej.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza, l-attur qed jitlob il-bilanc dovut lilu ghal servizz moghtija lil konvenuta 'n konessjoni mal-festin tat-tieg taghha. Il-bilanc dovut mill-konvenuta ma jidhirx li huwa kontestat qua soma, izda l-konvenuta qed tghid li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici ghaliex fil-fatt is-servizz moghti lilha, kien ta' kwalita nferjuri minn dak miftiehem. Illi ghalhekk din mhux kwistjoni ta' xi tpacija *ex lege* li *ipso jure* jista` biss isir bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu, izda hija kwistjoni ta' kumpens li din il-Qorti ghandha taghti lill-konvenuta f'kaz li jirrizulta li verament it-tieg ma marx kif miftiehem.

Fi kliem iehor, il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tesamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak lamentat mill-konvenuta, hux gustifikat.

Illi pero fl-ewwel lok il-konvenuta qed tecepixxi li l-gudizzju mhux integru ghaliex zewgha l-konvenut, ma giex imharrek. Illi minn esami tal-kuntratt esebit a fol. 49 jirrizulta li l-kuntratt sar fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 2004 bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta meta kienet ghadha xebba. Illi 'n segwitu jirrizulta wkoll li d-depositi wkoll saru minnha qabel iz-zwieg w ghalhekk, dan id-debitu li ghandha is-socjeta attrici, huwa semmai dovut

mill-konvenuta u mhux minn zewgha wkoll. Dan id-debitu ma jiffurmax parti mid-debiti tal-komunjoni tal-akkwisti w ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi respinta.

Dwar il-mertu, ma hemmx dubbju li hafna mill-*complaints* tal-konvenuta huma minnhom u li sahansitra anke huma konfermati bir-ritratti esebiti. Zgur li mhux accettabli li koppja tinghata *cake* ta' xhud biex jinqsam flok il- *cake* tal-gharusa. In oltre jirrizulta wkoll li l-oggetti kollha miftiehma fil-kuntratt fosthom il-*canapes* u l-*petit fours* ma gewx servuti.

Is-socjeta attrici donnha riedet tghid li t-tieg ma marx tajjeb ghaliex l-gharajjes ma waslux fil-hin. Illi din ma hiex skuza u ma hemm xejn miktub fil-kuntratt li jekk l-gharajjes jaslu tard, m'humiex ser jinghata xi servizz tajjeb jew addirittura ma jinghatawx xi ikel ordnat mill-gharusa. Illi ma hemmx dubbju li bhala fatt, wisq probabli l-koppja ma poggietx mal-mejda qabel id-disgha u nofs ta' bil-lejl, izda dan ma jfissirx li l-ikla ghandha ddum sas-siegha w nofs ta' filghodu, molto piu meta tqis li l-ammont ta' mistidnon kien biss ta' mitejn u hamsin ruh. Dan id-dewmien jindika li s-socjeta attrici ma kellhiex bizzejjed *staff*.

Illi fl-ebda moment ma s-socjeta attrici ma tressaq xi xhud sabiex jikkuntrarja dak li qalu ix-xhieda tal-konvenuta. Ix-xhud principali u cioe Suzanne D'amato impjegata tas-socjeta attrici kienet tkun xhud importanti sabiex telabora fuq dak li intqal qabel it-tieg stante li kollox gie miftiehem maghha kif jirrizult a minn dak li intqal viva vice il-Qorti u anke minn esami tal-korrispondenza li giet esebita.

Illi m'hemmx dubbju li is-socjeta attrici kienet accettat li kien hemm diversi nuqqasijiet ghaliex fil-fatt hi stess offroet li taghti skont ta hamsa fil-mija, liema somma pero ma gietx accettata mill-konvenuta u an ghaliex fil-fehma taghha kien hemm wisq nuqqasijiet.

Illi din hija gurnata important ghall-gharusa u ghalhekk zgur li mhiex haga accettabli li gharusa tingahta servizz

bhal dan w ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tikkumpensha b'mod *arbitrio boni viri*.

Illi jirrizulta mill-kont esebit a fol. 15 bhala Dok. S 1 li l-konvenuta kellha thallas is-somma ta' LM4,471.22 sabiex tkopri l-ispiza tat-tieg. Dan ifisser li b'hekk presso a poco hija kienet qed thallas ftit inqas minn LM18 ir-ras (LM4, 471.22 by 250 pax). Illi hija diga hallset is-somma ta' LM2,250 bhala akkont w ghalhekk giet li hallset is-somma ta' LM9 ir-ras. Fic-cirkostanzi *arbitrio boni viri* l-Qorti thoss li l-prezz ta' LM13 ir-ras kien ikun prezz gust w ghalhekk thoss li l-kont finali kellu jkun ta' LM 3,250.

Ghalhekk qieghda tirriduci t-talba attrici ghas-somma ta' LM 1000. Din hi d-differenza bejn il-prezz li kellu jintalab ta' LM 3,250 u d-depozit maghmul minnha ta' LM2,250.

**Ghaldaqstant l-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici in parte fis-sens li qed tirriduci s-somma ghal LM1000, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa l-kumplament u tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM1000 ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u tletin (2330) euro.**

**L-ispejjez tal-kawza jithalsu bin-nofs u l-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------